**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 94/2022**

**Appell Nru: 95/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Portelli**

**Lucia Taliana**

Illum, 28 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Matthew Portelli, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 398186M, u kontra l-appellanti Lucia Taliana, detentriċi tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 183560M, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

<u>Lil Matthew Portelli waħdu</u>: Fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2018, mill-fond nru. 45, Milord Tracy, fi Triq Biccieni, Sqaq nru. 8, Zabbar, flimkien ma' Carmel Hartley:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentenzmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin, liema serq sar għad-dannu ta' Alfred Darmanin u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin (250) Euro, u liema ħsara saret għad-dannu ta' Alfred Darmanin u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
3. Ikkommetta r-reati hawn addebitati, li jġorru piena ta' priġunerija, f'perijodu operattiv t'ordni ta' probation u servizz, ai termini ta' l-Artikoli 7 u 18 tal-Kapitolu 446, Att dwar il-Probation, tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza definittiva mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL.D, nhar id-19 ta' Lulju 2016;
4. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' dawn il-Gzejjer.

Lil Lucia Taliana waħedha: Fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2018 u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

5. Għad li ma kinitx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'xi mod li jkun, xjentement, għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ta' serq aggravat mill-fond nru. 54, Milord Tracy, fi Triq Biccieni, Sqaq nru. 8, Zabbar, mwettaq fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2018, ġie ippreparat u/jew ikkunsmat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280(2), 289 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 7, 18, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Matthew Portelli ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kwantu għar-raba' imputazzjoni, sabitu ħati tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux taħt l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9, u kkundanatu sentejn priġunerija. Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trattat ukoll mal-ħati għar-reati li dwarhom saret l-Ordni ta' Probation u Servizz fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Carmel Hartley, Matthew Portelli,' u kkundanatu sentejn priġunerija. B'kollox għalhekk il-Qorti kkundanatu għal 4 snin priġunerija. In oltre, għall-fini tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati sabiex iħallas lill-parti offiza, ċioe' lil Alfred Darmanin, is-somma ta' erbat elef u tlett mitt Ewro (€4,300) bħala kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-

kommissjoni tar-reat ta' serq li nstab ħati tiegħu, u dan fi żmien sitt xhur mid-data meta jkun skonta l-piena ta' priġunerija.

Illi, in kwantu għal Lucia Taliana, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 42(d), 43, 44, 45, 46, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 267, 269(g), 270, 278, 279(b) u 290(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitha ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u kkundanatha tmintax -il xahar priġunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi zmien tlett snin mid-data tas-sentenza, il-ħatja tikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi, *in oltre*, għall-fini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundanat lill-imputati Matthew Portelli u Lucia Taliana jħallsu lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €373 kull wieħed rappreżentanti terz kull wieħed tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri odjerni u fil-proċess verbal tal-inkjesta.

Rat ir-rikors tal-appellant, Matthew Portelli, ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2022, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u fejn ikkundanatu għall-perijodu totali ta' erba' snin priġunerija oltre l-ispejjeż tal-esperti u oltre li jħallas lil Alfred Darmanin l-ammont ta' erba t'elef u tlett mitt ewro u minflok tgħaddi sabiex tilliberah mill-akkuzi kollha, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Lucia Taliana, ppreżentat fit-8 ta' Marzu 2022, fejn talbet li din l-Qorti:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberaha minn kull ħtija u piena; jew
2. B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata taż-żewġ appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

***Ikkunsidrat:***

Illi ż-żewġ imputati ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u interponew appell quddiem din l-Qorti, liema appelli ser jiġu trattati fl-istess sentenza bl-ewwel jiġi ikkunsidrat dak tal-appellant Matthew Portelli. Jingħad qabel xejn illi l-allegat involviment taż-żewġ imputati fis-serqa li seħħet minn ġewwa proprjeta' tal-parti offiża, certu Alfred Darmanin, wassal sabiex Portelli jkun mixli bil-kummissjoni tas-serqa fil-figura tal-awtur tar-reat filwaqt li Taliana kienet mixlija bħala il-kompliċi tiegħu u ċioe' bħala dik il-persuna li assistiet lilu u lil Carmel Hartley iwettqu d-delitt, meta din ta'l-aħħar allegatament għaddiet lill ħallelin l-informazzjoni dwar il-post fejn kienet tinsab ir-*res furtiva*. Ix-xhud Hartley fil-fatt jagħti dettalji dwar il-*modus operandi* li biha seħħet is-serqa u jikkonferma li kien Portelli li nstigah jikkommetti l-istess u li kien hu li wasslu sax-xena tad-delitt u infurmah fejn kien is-*safe* minn fejn kellha tittieħed ir-*res furtiva*. Fil-fatt minn ġewwa *safe* li kien installat f'kamra irtirata 'il ġewwa fil-fond, liema *safe* kien moħbi, l-ħallelin serqu deheb u flus kontanti, liema oġġetti kienu tpoġġew f'dan is-*safe* minn Darmanin li jikkontendi fix-xiehda tiegħu li Taliana biss kienet taf bil-kontenut tiegħu. L-appellanti Lucia Taliana fiż-żmien li seħħ l-att doluż kienet is-sieħba ta' dan Darmanin, li kien igħix magħha ġewwa l-Mosta, iżda li kien qiegħed jirranga dan il-post ġewwa Ħaż-Żabbar minn fejn seħħet is-serqa u għalhekk kienet midħla sew ta' dan il-post. Taliana kienet ukoll omm is-sieħba ta' l-appellant Matthew Portelli.

A. **<u>L-Ewwel Aggravju mressaq mill-appellant Matthew Portelli</u>**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ventilat l-appellant Portelli jilmenta illi l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kien wieħed erronju meta din sejset is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu unikament fuq ix-xhieda ta' l-allegat kompliċi Carmel Hartley. L-appellant jisħaq li sabiex ix-xhud Hartley jitqies bħala xhud kompetenti u

ammissibbli fil-konfront tiegħu, kellu qabel xejn jkun determinat illi l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu fuq l-istess mertu għaddew in ġudikat. Jikkontendi illi ġaladarba tali prova ma tressqitx mill-Prosekuzzjoni, allura x-xhieda ta' Carmel Hartley kellha tiġi skartata kompletament.

Illi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi l-konfessjoni tal-persuna akkużata bil-kummissjoni ta' reat għandha tiswa għalih biss u ma tistax tintuża la favur u lanqas kontra l-ko-akkużat, b'dan madanakollu illi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta joħloq is-salvagwardja illi : "*Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.*"

Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi x-xhud Carmel Hartley xehed *viva voce* u ddikjara illi l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu kien ntemmu definittivament tant illi kien qed jiskonta l-piena mposta fuqu mill-qorti:-

> *"**Pros: Mela Sur Hartley, dan kien akkuzat b'din is-serqa separatament u ammetta l-akkuza u llum qed jiskonta sentenza ta' ħabs.***
>
> ***Ix-xhud: Bdejtha infatti.***
>
> ***Il-Qorti: Fuq dan l-istess kaz ta' serq?***
>
> ***Ix-xhud: Ezatt.***
>
> ***Pros: Hux hekk? Naqblu?***
>
> ***Ix-xhud: Hekk hu.***
>
> ***Il-Qorti: Għad-dannu ta' Alfred Darmanin?***
>
> ***Ix-xhud: Iva ezatt eħe.***

Illi dan kien kkonfermat ukoll fix-xhieda ta' l-iSpettur Joseph Mercieca li xehed li Carmel Hartley kien debitament pproċesat b'mod finali għar-rwol tiegħu fis-serqa *de quo*. Għalhekk ma għandux ikun hemm dubbju illi Hartley kien xhud kompetenti tant illi l-ebda twissija ma ġiet mogħtija mill-Qorti qabel ma ddepona. Fuq kollox l-Ewwel

Qorti setgħet dejjem tieħu avviż ġudizzjarju ta' dan qabel ma tistrieħ fuq din l-evidenza, haġa li din il-Qorti għamlet minn fejn irriżultalha illi l-każ kontra Hartley kien deċiż b'mod definitiiv b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta b'sentenza tal-21 ta' Mejju 2019 u dan wara appell ta'l-Avukat Ġenerali. Carmel Hartley fil-fatt kien misjub ħati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara ammissjoni minnu rreġistrata bis-sentenza in prim'istanza tingħata fil-11 ta' Frar 2019. Dan ifisser allura illi huwa ma kellux jitqies aktar bħala ko-akkużat flimkien mal-appellant, billi l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu għaddew in ġudikat. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju hekk kif imressaq mill-appellant Portelli qed jiġi respint.

## A. <u>It-Tieni Aggravju mressaq mill-appellant Matthew Portelli</u>

Illi abbinat mal-ewwel ilment l-appellant Portelli jilmenta, fit-tieni aggravju minnu ntentat, illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tosserva id-dettami tal-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali hawn fuq iċċitat meta ma mxietx b'dik kawtela li l-liġi tagħti direzzjoni li għandha tkun applikata u dan meta kellu jkun evidenti illi f'diversi istanzi fix-xiehda tiegħu Hartley ma kienx xhud kredibbli.

Issa huwa minnu illi meta tiġi biex tqies ix-xiehda tal-kompliċi l-Qorti trid timxi b'ċertu kawtela iktar u iktar għaliex il-liġi tistipula illi xhud wieħed waħdu jekk emmnut jagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Illi, *in primis*, l-appellant jisħaq illi Carmel Hartley seta' jixhed fid-dettall dwar is-serqa mertu tal-każ billi hu kien involut fl-istess, pero' jisħaq ukoll li Hartley qatt ma stqarr fid-deposizzjoni tiegħu illi s-serqa ġiet kommessa flimkien miegħu, ċioe' mal-appellant Portelli. L-appellant filfatt jilmenta li seta' kien propju iben id-derubat, Neil Darmanin, li kien involut fis-serqa *de quo*, tant hu hekk illi anke dan Darmanin kien *a tempo vergine* ġie arrestat in konnessjoni ma' l-istess.

Issa huwa minnu li fil-*proces-verbal* redatt mill-Inkwirenti, hemm eżebit mandat ta' arrest fil-konfront ta' Neil Darmanin. Pero' huwa minnu ukoll li ma nġiebet ebda prova li ttieħdu xi proċeduri kriminali fil-konfront ta'l-imsemmi Darmanin. Dan

Darmanin fil-fatt iddepona quddiem l-Ewwel Qorti mingħajr ma ngħata ebda twissija u mingħajr ma kien mistoqsi la mill-Prosekuzzjoni u lanqas mid-Difiża jekk huwa kienx involut fis-serqa. L-unika aċċenn li sar dwar dan l-arrest kien propju meta id-derubat Alfred Darmanin, li jiġi missier Neil ikkonferma illi ibnu kien ġie arrestat in konnessjoni mas-serqa, pero' jgħid li kien ġie rrilaxxjat ftit wara. Alfred Darmanin jixhed inoltre illi għalkemm ibnu Neil kien jaf fejn kien qiegħed is-*safe*, xorta waħda ma kienx jaf f'hix kien jikkonsisti l-kontenut tiegħu. Il-Qorti tfakkar li fil-proċess penali huwa prinċipju regolatur li "*Min jallega irid jipprova*", u għalkemm id-difiża tipprova tippunta subajgħha lejn dan Neil Darmanin bħala kompliċi fis-serqa flimkien ma' Carmel Hartley, mandanakollu ma nġiebet l-ebda farka ta' prova fir-rigward. Għaldaqstant din tibqa' biss allegazzjoni li mhijiex sostanzjata bil-provi sal-grad mistenni mid-difiża.

Illi, dwar l-ilment tal-appellant li Carmel Hartley qatt implikah fil-kummissjoni tar-reat, dan il-fatt minnu allegat ma jsibx konfort fix-xiehda ta' Hartley. Carmel Hartley dejjem kien konsistenti fil-verzjoni tiegħu tal-fatti u dejjem qal li kien l-appellant Portelli li kien ċempillu sabiex iħeġġu jikkomettu s-serqa, propju bil-għan illi huma jkunu jistgħu jħallsu d-dejn li kellhom ma' ċertu Maurice Borg. Ukoll, Hartley dejjem sostna li inoltra ruħu fil-fond ta' Alfred Darmanin għal fini biex tiġi kommessa s-serqa flimkien mal-appellant Portelli. Dina l-Qorti tisħaq li r-rakkont tal-fatti hekk kif magħmul minn Carmel Hartley huwa verosimili u jsib korroborazzjoni ukoll fil-provi prodotti fil-kors tal-proċeduri, bħal filmati tas-CCTV elevati mill-pulizija, il-likwidu misjub fuq ix-xena tad-delitt li rriżulta li kien awrina, l-impronti diġitali minn fuq il-*flushing* tat-*toilet* fil-fond in kwistjoni, kif ukoll ir-*recording* ta' konversazzjoni li saret bejn Hartley u Portelli, fejn Portelli jammetti l-involviment tiegħu fl-istess serqa. Għalhekk dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab konvinta li l-fatti tal-kaz ġraw kif filfatt irrakontati minn Carmel Hartley.

Illi, *in oltre*, l-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li d-derubat qatt ma kkonferma li l-arloġġ tad-ditta "*Rotary*", ippreżentat in atti, u li jixhed dwaru Hartley bħala l-arloġġ li għaddielu l-appellant jiem wara s-serqa, kien filfatt jappartjeni lilu. Minn eżami akkurat tal-atti, jirriżulta li dan m'huwiex minnu. L-arloġġ in kwistjoni kien filfatt

eżebit in atti u mmarkat bħala "Dokument JM1", liema arloġġ kien muri kemm lil Carmel Hartley kif ukoll lid-derubat Alfred Darmanin. Carmel Hartley filfatt ikkonferma li d-dokument eżebit kien propju l-arloġġ li l-appellant Matthew Portelli kien tah ftit tal-jiem wara s-serqa, filwaqt li Alfred Darmanin ikkonferma li dan kien filfatt l-arloġġ li jappartjeni lilu u li nsteraq – "*Dak l-arloġġ tiegħi, kien tahuli missieri meta għalaq zmienu f' Pharamed ... Fis-safe magħhom kien*". Għalhekk l-Qorti m'għandix dubbju li l-arloġġ eżebit fl-atti huwa l-istess arloġġ li nsteraq mis-*safe* ta' Alfred Darmanin.

Illi, finalment l-appellant jisħaq ukoll li għalkemm Hartley xehed li kien ipparteċipa fis-serqa sabiex jikseb il-flus biex jissalda d-dejn li kellu ma' terza persuna bl-isem ta' Maurice Borg, dan Borg qatt ma ttella' jixhed quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk dak li qal Carmel Hartley fir-rigward mhuwiex ikkorroborat u m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni. Dwar dan il-punt, primarjament, il-Qorti tgħid li kien x'kien il-mottiv wara din is-serqa huwa ta' importanza minima għal mertu ta' dan il-każ. Huwa minnu li Maurice Borg ma tressaqx mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed fil-qorti, madanakollu hemm provi oħra in atti li jindikaw li dak li kien qed igħid Hartley kellu mis-sewwa. Fl-ewwel lok ġiet ipprezentata kopja tas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati ippresjeduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud nhar id-19 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Carmel Hartley, Matthew Portelli*", fl-liema każ id-derubat kien propju Maurice Borg. F'din l-istess sentenza, kemm l-appellant kif ukoll Carmel Hartley, ġew, *inter alia*, ordnati jħallsu is-somma ta' €7,200.15 f'ishma ndaqs bejniethom lill-imsemmi Maurice Borg. *In oltre*, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-appellant stess jirrakonta dawn il-fatti probatorji u jgħid li dwar il-kaz li kellu Għawdex – ċioe dak ta' Maurice Borg - kellu jagħti lid-derubat is-somma ta' €3,000, li minnhom kien ħallas biss €750. Jgħid ukoll li kien waqaf iħallas għax kellu spejjez oħra.

Għal dawn il-motivi kollha suesposti, lanqas it-tieni aggravju mressaq mill-appellant Portelli ma jistħoqqlu akkoljiment.

**B. <u>It-Tielet Aggravu mressaq mill-appellant Portelli</u>**

Illi, it-tielet aggravju jikkonċerna ir-*recording* ppreżentat mill-Prosekuzzjoni ta' konversazzjoni li allegatement saret bejn l-appellant Portelli u Carmel Hartley. L-appellant jisħaq li din ir-reġistrazzjoni ma għandha ebda valur probatorju ġaladarba ma tressqet ebda prova dwar l-identita' tal-vuċijiet li jinstemgħu fl-istess.

Illil-Qorti ma tistax ma tinnotax illi din il-lanjanza qatt ma kienet ventilata quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 hemm ivverbalizat hekk:

> *"Dr Jonathan Abela jiddikjara ukoll illi l-imputat Portelli m'għandux aktar provi xi jressaq imma nforma lill-Qorti li bi ħsiebu jipprezenta rikors fil-mori ta' differiment b'talba raġonata għall-isfilz tar-recording meħud minn Carmel Hartley u esebit fl-atti a fol 23".*

Din it-talba madanakollu qatt ma kienet imressqa formalment kif lanqas sar kontro-eżami lix-xhud Carmel Hartley li ppreżenta din il-prova dwar il-kontenut ta' l-istess *recording*. Kif lanqas ukoll tqajmet xi kontestazzjoni *in prim' istanza* dwar l-ilħna li jinstemgħu f'din ir-reġistrazzjoni. Huwa għalhekk odjuż li tali lment jitqajjem propju issa fi stadju ta' reviżjoni meta l-appellant kellu kull opportunita' li jattakka l-valur probatorju ta' din il-prova quddiem l-Ewwel Qorti, b'din il-Qorti issa tinsab sajma minn kwalunkwe prova minn naħa tad-difiża li tista b'xi mod tiskossa l-awtentiċita' tal-istess.

Illi, *in oltre*, l-Qorti tinnota li meta xehed Carmel Hartley quddiem l-Ewwel Qorti huwa kkonferma li kien proprju hu li rreġistra il-konverzazzjoni li kienet saret bejnu u bejn l-appellant Portelli ġewwa l-binja tal-Qorti, fl-liema konversazzjoni Portelli jammetti l-involviment tiegħu fis-serqa meta jinstema' igħid:–

> ***"m'hemm xejn, qed ngħidlek jiena m'hemm xejn, l-unika marka li sabu tal-forensika hija fuq il-flushing, issa jiena meta mort fejn il-flushing bl-ingwanta quddiemi ... Jiena bl-ingwanti kont".***

Fil-kontro-ezami qasir ferm li sar lil Hartley, huwa kien mistoqsi biss jekk din ir-reġistrazzjoni kenitx saret fuq inizjattiva tiegħu jew jekk dan sarx mill-pulizija bl-intenzjoni li jonsbu lil Portelli. Iżda l-ebda mistoqsoja ma ssirlu dwar l-awtentiċita' tal-istess jew dwar il-veraċita' tal-kontenut ta' din il-konversazzjoni. Jikkonferma ix-xhud illi l-ilħna li jinstemgħu fir-*recording* huma tiegħu nnifsu u tal-appellant Portelli, bid-

difiża ma tqanqal ebda kontestazzjoni dwar l-istess kif ingħad sabiex b'hekk l-appellant ma jirnexxielux sal-grad minnu mistenni fil-liġi jiskossa l-valur probatorju ta' din il-prova.

Illi, kif irriteniet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, il-liġi nostrana ma tistabbilixxi ebda "*exclusionary rule of evidence*" li tirrendi inammissibbli *recordings* li huma relevanti għall-mertu tal-kaz, anke jekk tali *recordings* saru *ad insaputa* tal-persuna li tinstema' fl-istess *recordings*. Dwar dan il-punt l-Ewwel Qorti għamlet esposizzjoni erudita in materja ta' dritt u a skans ta' ripetizzjoni, dina l-Qorti tagħmel tagħha dawn il-konsiderazzjonijiet.

Illi, għalhekk l-Qorti ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fid-deċizjoni ta'l-Ewwel Qorti li qieset bħala ammissibbli l-prova magħmula mill-prosekuzzjoni permezz ta' din ir-reġistrazzjoni meħuda mix-xhud Carmel Hartley fejn l-appellant Matthew Portelli jammetti l-involviment tiegħu fis-serqa *de quo*. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet aggravju mressaq mill-appellant Portelli qed jiġi respint.

**C. <u>Ir-Raba' Aggravju mressaq minn Matthew Portelli</u>**

Illi, ir-raba' aggravju huwa mbagħad dirett lejn il-kundanna magħmula fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti għal ħlas lil vittma Alfred Darmanin ta' l-ammont ta' €4,300. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, ma tressqet l-ebda prova dwar il-*quantum* tal-flus allegatament misruqa u għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għas-somma ta' €4,300.

Illi, minn ezami akkurat tal-atti, u senjatament mix-xhieda ta' Alfred Darmanin, jirriżulta illi fis-*safe* d-derubat kellu flus kontanti ammontanti għal €18,000 flimkien ma' ammont ta' deheb, li tagħhom huwa ressaq prova rigward il-valur ta' parti minnu biss, u ċioe tad-dudu tad-deheb li kien jiswa Lm330. Jirriżulta wkoll madanakollu illi meta Alfred Darmanin kien għamel ir-rapport lil pulizija dwar is-serqa in kwistjoni, huwa kien irraporta li kellu miżmuma f'dan is-*safe* l-ammont ta' €8,000 fi flus kontanti, hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' PS 1593 Alfred Cachia. Irriżulta ukoll li mill-flus kontanti li nsterqu, l-appellant Matthew Portelli kien għadda l-ammont ta' €3,500 lil

Carmel Hartley bħala kumpens tas-sehem tiegħu fl-istess serqa. Għalhekk, dina l-Qorti temmen li l-ammont li l-appellant Portelli kien ikkundannat iħallas lura lil Alfred Darmanin huwa dak rifless fl-atti u addirittura iqarreb lejn il-minimu tal-valur effettiv tar-*res furtiva*, u dan fid-dawl tal-fatt illi l-*quantum* eżatt tal-oġġetti misruqa qatt ma ġie effettivament determinat.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-raba' aggravju hekk kif imressaq mill-appellant Portelli qed jiġi respint.

**D. <u>Il-Ħames u l-Aħħar Aggravju mressaq minn Matthew Portelli</u>**

Illi, l-aħħar *gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Matthew Portelli, u ċioe dik ta' terminu komplessiv ta' erba' snin priġunerija, fejn l-appellant jilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[1]

Issa il-piena ikkontemplata għar-reat tas-serq aggravat bil-kwalifika tal-mezz hija dik tal-priġunerija bejn hames xhur u tlett snin, iżda meta s-serq ikun akkompanjat b'tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra il-piena ma tistax tingħata fil-minimu tagħha u għandha tiġi miżjuda bi grad[2]. Marbuta ma' din id-disposizzjoni tal-liġi iżda, l-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, fl-*proviso* tiegħu, jistipula illi meta din il-piena hija aktar baxxa minn dik stabbilita għar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-valur, hija din l-aħħar piena li għandha tiġi erogata miżjuda bi grad. Issa il-piena għar-reat tas-serq aggravat bil-valur ta' aktar minn €2329.37 hija dik tal-priġunerija ta' bejn tlettax-il xahar u seba' snin liema piena għandha tiżdied bi grad. Dan ifisser illi l-piena erogata kontra l-

---

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.
[2] Artikoli 278(1)(3) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali.

appellant ta' sentejn priġunerija kienet waħda legalment u raġonevolment valida, fil-parametri dettati fil-liġi u mhux eċċessiva. Inoltre l-Ewwel Qorti trattat mal-appellant dwar il-ksur ta' Ordni ta' *Probation* imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Lulju 2016 għal liema kundanna huwa weħel il-piena ta' sentejn priġunerija oħra, liema piena ukoll kienet fil-parametri tal-liġiz. Għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni 'il għala din il-Qorti għandha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti. Dan iwassal sabiex anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-aggravji mressqa mill-appellant Matthew Portelli, l-Qorti ser tgħaddi biex tiddetermina l-aggravji mqanqala fir-rikors ta'l-appell mressqa mill-appellanti Lucia Taliana.

**A. <u>L-Ewwel Aggravju mressaq minn Lucia Taliana</u>**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti Taliana tilmenta mill-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Hija tisħaq li hemm sensiela ta' provi konfliġġenti fil-konfront tagħha u telenkahom hekk kif isegwi:–

**i) Min kienu dawk il-persuni li kienu jafu bl-eżistenza tas-*safe*?**

Illi l-appellanti Taliana, bħall-appellant Portelli qabilha, tagħmel enfasi fuq l-arrest ta' iben id-derubat, Neil Darmanin, u allura dwar is-suspett li kien hemm fuqu marbut mal-involviment tiegħu fis-serqa mertu tal-każ. Hija tisħaq li dan Darmanin kien jaf bl-esistenza tas-*safe* ukoll u sar jaf dan proprju ftit jiem qabel is-serqa, sabiex b'hekk hemm is-suspett raġjonevoli li kien hu l-persuna li wettaq l-istess serqa.

Illi l-Qorti tagħmel referenza għal konsiderazzjonijiet minnha magħmula dwar l-allegat involviment ta' Neil Darmanin fis-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri fid-determinazzjoni tal-appell intentat mill-appellant Portelli u żżomm ferm ma' tali osservazzjonijiet ġja magħmula. Jiżdied jingħad illi l-fatt waħdu li Neil Darmanin kien jaf bl-eżistenza ta' dan is-*safe* u tal-post fejn kien jinstab ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-

appellanti Taliana ukoll kienet taf dwar dan is-*safe* – u mhux biss bil-lok fejn kien jinstab, izda ukoll bil-kontenut tiegħu. Infatti, id-derubat Alfred Darmanin xehed li l-appellanti Taliana kienet tmur tgħinu jirranġa l-fond fejn kien jinsab is-*safe*. *In oltre*, Darmanin xehed li l-appellanti Taliana kienet qaltlu għal aktar minn darba – "*Iġbor kollox ġos-safe*" – u filfatt hekk kif ġabar kollox fis-*safe*, seħħet is-serqa *de quo*. Ukoll, jumejn qabel is-serqa, l-appellanti Taliana kienet marret fil-fond in kwistjoni għall-għarrieda, kienet daret dawra tifli kullimkien imbagħad telqet – azzjoni li għorkitlu għajnejh lil Darmanin. Dan iwassal lil l-Qorti għall-konkluzzjoni li Lucia Taliana kienet taf ben tajjeb dwar l-kontenut tas-*safe* u il-post fejn kien jinsab u allura setgħet tagħti informazzjoni konkreta lil min kien ser jikkometti is-serqa u li miegħu hija kellha konnessjoni billi Matthew Portelli kien l-għarus ta' bintha.

**ii) <u>Ir-*recording* li għamel Carmel Hartley</u>**

Illi l-appellanti Taliana tattakka l-valur probatorju tar-registrazzjoni magħmula minn Carmel Hartley ta' konversazzjoni li seħħet bejnu u bejn Matthew Portelli fl-edifiċju tal-Qorti. Taliana tasal biex tallega illi din ir-reġistrazzjoni kienet "*xogħol l-Ispettur Investigattiv u saret biss bil-għan illi l-esponenti tiġi akkuzata anka jekk ma hemm xejn fil-konfront tagħha*".

Illi kif diġa osservat ma hemm xejn fl-atti li jindika illi r-reġistrazzjoni magħmula minn Hartley hija milquta minn xi difett legali u/jew proċedurali li jirrendieha inammissibbli jew li ixejjen il-valur probatorju tagħha. Kif ingħad Hartley jikkonferma illi r-reġistrazzjoni saret minnu u li l-vuċijiet li jinstemgħu fl-istess jappartjenu lilu u lil Matthew Portelli. Jinsisti illi din ir-reġistrazzjoni saret minn jeddu u mhux għaliex kien xprunat jagħmel dan mill-uffiċjal investigattiv, kif tallega id-difiża. Imbagħad ma inġiebet ebda prova mid-difiża li b'xi mod ixxejjen dak dikjarat minn Hartley. Fuq kollox il-fatt illi din ir-reġistrazzjoni saret sabiex Portelli *ad insaputa* tiegħu jammetti għall-involviment tiegħu fis-serqa, ma jistax ixejjen il-valur probatorju ta'l-istess. Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha tqies illi dak allegat mid-difiża kien minnu, u ċioe' illi kien l-iSpettur investigattiv li ġiegħel lil Hartley jagħmel din in-nassa lil Portelli, jingħad illi l-użu ta' stratagemmi u/jew ta' aġenti

provokaturi li permezz tagħhom il-pulizija tikxef atti kriminali, mhumiex atti li jmorru kontra l-liġi. Dan iseħħ biss meta jintwera b'mod konvinċenti li r-reat ma kienx ser jiġi mwettaq li kieku ma kienx għal dak l-intervent tal-aġent provokatur, li min-naħa tiegħu jkun induċa lill-individwu biex iwettaq reat. Diversament ikun il-każ jekk l-individwu konċernat xorta kellu l-ħsieb li jwettaq dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-aġent f`liema kaz ma jkunx hemm '*entrapment*' billi ma jkunux l-aġenti provokaturi l-fattur determinanti li jkunu nduċew lil dak l-individwu biex jikkommetti r-reat. Issa f'dan il-każ ir-reat kien diġa twettaq, bil-ħsieb komuni magħmul minn qabel ta' Hartley u Portelli. Kwindi bil-fatt illi Hartley wara it-twettiq tar-reat irreġistra konversazzjoni fejn Portelli ammetta l-involviment tiegħu, ċertament ma jwassal għal ebda nasba li nduċietu biex jikkometti xi reat, anke jekk din ir-reġistrazzjoni setgħet seħħet fuq struzzjonijiet tal-investigaturi. Fuq kollox mhux l-ewwel darba illi l-investigaturi tramite l-assistenza tal-kompliċi jaslu sabiex jixlu persuni oħra involuti fit-twettiq ta' reati, b'dik il-persuna li hekk tassisti lil pulizija x'aktarx imbagħad tibbenfika min riduzjoni fil-piena fil-qorti. Kwindi dan l-aggravju huwa ukoll infondat.

**iii. <u>It-telefonati bejn Matthew Portelli u Lucia Taliana</u>**

Illi l-appellanti Taliana tisħaq li kuntrarjament għal dak mistqarr mill-Ewwel Qorti, hija qatt ma kellha kuntatt telefoniku ma' Matthew Portelli. Minn ezami tal-atti, jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni ressqet bħala prova l-*call logs* marbuta ma' zewġ numri telefoniċi, u ċioe' in-numru *MSISDN* 79862070 li kien irreġistrat fuq l-appellant Portelli u dak *MSISDN* 99297743 li kien irreġistrat fuq l-appellanti Taliana. Jirriżulta ukoll li nhar il-15 ta' Marzu 2018, u ċioe jumejn <u>qabel</u> is-serqa *de quo* (u mhux jumejn wara kif tikkontendi l-appellanti fir-rikors tagħha), l-appellant Portelli kien intenta jċempel lill-appellanti Taliana izda din ma weġbitx. Fir-rikors ta' l-appell tagħha, Taliana tisħaq li hija lanqas biss indunat bil-*missed call* ta' Portelli u tgħid li dan seta' kien qed iċemplilha għax ma setax jaqbad lill-bintha. Issa dak dikjarat mill-appellanti fir-rikros tagħha tal-appell ċertament ma jistax jiswa bħala prova. L-uniku verżjoni tal-fatti li tagħti l-appellanti hija dik magħmula fl-istqarrija tagħha fejn tgħid li hija qatt ma ċemplet lil Matthew Portelli u qatt ma semmiet li seta' kellha *missed call.*

Dan magħdud mal-fatt li, hekk kif xehed Alfred Darmanin, dakinhar tal-15 ta' Marzu 2018, għall-ħabta ta' s-siegħa u nofs/sagħtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, Taliana kienet marret fil-fond in kwistjoni għall-għarrieda, kienet daret dawra mal-istess u telqet l-hemm. It-telefonata li Portelli ntenta jagħmel lil Taliana seħħet biss ftit tal-minuti wara u ċioe fis-14:25 sabiex b'hekk tirriżulta 'l hekk imsejjaħ *common design* li kien hemm bejn dawn it-tnejn minn nies li kienu qed jippreparaw għal din is-serqa.

**iii) <u>Għalfejn ma tressqitx Carmen Hartley flok Lucia Taliana?</u>**

Illi l-appellanti Taliana tallega ukoll li kienet ċertu Carmen Hartley li għaddiet l-informazzjoni lil-awturi tar-reat dwar is-serqa. Irriżulta mill-provi illi din Carmen Hartley kienet miżżewwġa lil Carmel Hartley, għalkemm kienu mifrudin. L-appellanti tisħaq illi Carmen Hartley ma xehditx is-sewwa meta stqarret li kienet ilha żmien ma jkollha kuntatt mal-ex raġel tagħha, kif gidbet ukoll meta stqarret illi ma kenitx infurmata minn qabel dwar l-ikla li ġiet organizzata mill-appellanti dakinhar tas-serqa.

Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi din Carmen Hartley kienet is-sieħba ta' ħu id-derubat, certu Lawrence Darmanin. Carmen Hartley kienet miżżewwġa lil Carmel Hartley iżda dawn kienu ilhom snin twal mifrudin. Jirriżulta wkoll illi Carmen Hartley u Lawrence Darmanin kienu jiffrekwentaw llil koppja Darmanin/Taliana u li spiss kienu jiltaqgħu u jmorru jieklu flimkien. Illi mill-provi jemerġi illi fil-jum meta seħħet is-serqa Taliana minn jeddha kienet ipprenotat mejda għall-ikel ġewwa *restaurant* fil-Baħrija.

Illi, *in primis*, dina l-Qorti temmen li bil-fatt waħdu li Carmen Hartley kienet preċedentement mizzewġa lil wieħed mill-persuni akkuzati bis-serqa ma jirrendihiex kompliċi fil-kummissjoni tal-istess. Carmen Hartley xehdet li kienet is-sieħba ta' ħu d-derubat u li dawn bħala koppja kienu ta' spiss joħorġu ma' Alfred Darmanin u Lucia Taliana. Kuntrarjament għal dak allegat minn Taliana, Carmen Hartley qatt ma tgħid li hi ma kinitx taf bl-ikla li kienet saret fil-Baħrija minn qabel il-ġurnata mifthiema. Dan għaliex Hartley tispjega li ġimgħa qabel, hija u Lawrence kienu ltaqgħu għall-għarrieda ma' Alfred Darmanin u l-appellanti ġewwa Marsaxlokk u kienu marru

jieklu flimkien. Waqt dina l-ikla, Taliana kienet għarrfithom li l-ġimgħa ta' wara kienet irriservat mejda ġewwa *restaurant* fil-Baħrija u kienet ibbukjat għalihom ukoll. Għalhekk huwa ċar li Carmen Hartley kienet filfatt a konoxxenza ta'din l-ikla ppjanata mill-appellanti Taliana ġimgħa qabel ma seħħet. Dan huwa fatt li huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda ta' Alfred Darmanin – "*Ordnat għalija u għaliha u għal Carmen u għal ħija*". Darmanin jikkonferma li kienet l-appellanti Taliana li ħarġet bl-ideja ta' din l-ikla u kienet hi li ħadet ħsieb tibbukja il-mejda fir-ristorant. *In oltre*, Lawrence Darmanin ukoll xehed l-istess verzjoni tal-fatti, u ċioe', illi hu u Carmen Hartley kienu ltaqgħu ma' l-appellanti u ħuh Alfred għall-għarrieda ġewwa Marsaxlokk ġimgħa qabel ma seħħet is-serqa u Taliana kienet qaltilhom li għall-ġimgħa ta' wara kienet ibbukjatilhom mejda magħhom ġewwa *restaurant* fil-Baħrija.

Illi, il-fatt li kienet tkun dejjem Lucia Taliana li tibbukja l-mejda għall-ikel ma jnaqqas xejn mill-fatt li għal dakinhar tas-serqa *de quo*, kienet hi li ħarġet bl-idea li ssir din l-ikla, u ħadet ħsieb tagħmel ir-reservazzjoni meħtieġa u dana saħansitra <u>qabel</u> ma ltaqgħu mal-koppja Hartley u Darmanin u ftehmu dwar l-istess. Dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija konvinta illi din il-prenotazzjoni magħmula minn Taliana saret propju bil-ħsieb magħmul minn qabel sabiex tagħti żmien lil Matthew Portelli u Carmel Hartley biex jikkomettu is-serqa fil-kwiet u mingħajr biza' ta' interruzzjoni.

**iv) <u>Xi provi hemm fil-konfront ta' Lucia Taliana?</u>**

Illi l-appellanti Taliana tisħaq li ma hemm ebda prova diretta fil-konfront tagħha li jista' iwassal sal-konvinċiment morali illi hija assistiet lill-awturi tar-reat fil-kummissjoni ta'l-istess. Issa għalkemm huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova diretta li tipponta lejn il-ħtija, madanakollu il-provi indizzjarji jitkellmu mod ieħor billi huma univoċi u jippuntaw f'direzzjoni waħda.

Filfatt jirriżultaw is-segwenti fatti probatorji minn eżami tal-atti:-

i) Illi l-appellanti kienet midħla sew tal-fond fejn seħħet is-serqa. Kienet tmur tgħin lis-sieħeb tagħha id-derubat Alfred Darmanin jagħmel xi xogħolijiet f'dan il-post li hu kien qiegħed jirranġa sabiex eventwalment imur jabita fih.

ii) Illi l-appellanti kienet taf ben tajjeb fejn tqiegħed is-safe u ċioe' f'kamra partikolari 'il ġewwa fil-fond, li ma kenitx tintuża. Kienet taf ukoll x'tip ta' serratura kellu. B'dan is-*safe* u l-kontenut tiegħu kienet taf hi biss għalkemm iben id-derubat Neil Darmanin kien jaf bl-eżistenza tiegħu, iżda mhux bil-kontenut tal-istess.

iii) Illi bint l-appellanti Lucia Taliana f'dak iż-żmien kienet f'relazzjoni mal-awtur tas-serqa Matthew Portelli;

iv) Illi kien hemm komunikazzjoni bejn l-appellanti Lucia Taliana u Matthew Portelli għalkemm hija dan tiċħdu. Dan huwa evidenzjat mill-*call logs* eżibiti in atti;

v) Illi filfatt Portelli pprova jċempel lil Taliana jumejn biss qabel is-serqa, meta ftit tal-minuti qabel kienet qegħdha ddur ġewwa il-fond in kwistjoni, tifli kollox u wara li marret hemm għall-għarrieda;

vi) Illi l-appellanti kellha informazzjoni dwar il-kontenut tas-*safe*, inkluż li kien fih ammont kbir ta' flus kontanti;

vii) Illi skond ix-xhieda ta' Alfred Darmanin, kienet Lucia Taliana stess li ħeġġitu sabiex jitfa' l-affarijiet kollha ta' valur li kellu u li kienu miżmuma f'postjiet oħra, ġewwa s-*safe*. Meta għamel propju hekk, seħħet is-serqa;

viii) Illi dakinhar tas-serqa, u fil-ħin li kienet qed titwettaq l-istess, Lucia Taliana kienet qabbdet u minn jeddha pprenotat mejda għall-ikel ġewwa *restaurant* fil-Baħrija għaliha, għad-derubat u għal ħuh u s-sieħba tiegħu, u dana mingħajr ma kkonsultat magħhom qabel, u għalhekk dan wassal sabiex fil-jum u fil-ħin tas-serqa ħadd ma kien viċin il-lok tad-delitt;

ix) Illi Matthew Portelli kien stqarr ma' Carmel Hartley li r-rikavat tas-serqa kellu jinqasam ma' tnejn minn nies oħra – il-*partner* tiegħu u l-ħabiba tal-*partner* tiegħu, għalkemm dan ma jindikalux min kienet din il-ħabiba. Carmel Hartley jiċċara li wara sar jaf li l-ħabiba kienet propju Lucia Taliana.

Illi, dan kollu ma jħalli l-ebda dubbju f'moħħ dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi l-appellanti Lucia Taliana kienet kompliċi f'din is-serqa. Kienet fil-fatt dik li għaddiet l-informazzjoni relevanti kollha lil Matthew Portelli tant illi dan kien jaf

eżattament fejn kellu jmur hekk kif daħal fil-post mingħajr ebda problema. Dan jixhdu Carmel Hartley li jistqarr li kien Portelli li hekk kif daħħlu fil-post, baqa' sejjer fil-kamra fejn kien hemm is-*safe*. Kienet finalment l-appellanti li għamlet l-arranġamenti kollha sabiex taċċerta lill-ħallelin illi d-derubat ma jkunx viċin il-fond in kwistjoni matul it-twettiq tas-serqa. Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellanti Taliana qed jiġi respint.

**B. <u>It-Tieni Aggravju mressaq minn Lucia Taliana</u>**

Illi, fit-tieni aggravju vventilat mill-appellanti Taliana, hija tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħazina tal-Artikolu 42 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta sabitha ħatja ta' kompliċita' fis-serqa. Hija tilmenta li l-Prosekuzzjoni ma resqet ebda prova fir-rigward tal-ftehim, u ċioe' ta' 'l hekk imsejjaħ *common design*, li suppost kien jeżisti bejnha u bejn Matthew Portelli, l-awtur tar-reat.

Illi l-liġi tagħna titkellem fuq il-figura tal-kompliċi fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali u huwa biss f'dawk iċ-ċirkostanzi hemmhekk menzjonati illi titwieled r-reita' fil-kompliċi, ħati daqs l-awtur, għall-kummissjoni tar-reat. Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta l-imputazzjoni ta' kompliċita' f'reat imwettaq minn persuna oħra huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li jrid jirriżulta sodisfaċentement ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-persuna mputata (i) kienet taf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hija deliberatament għenietu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamlet xi haġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.

Igħallem hekk il-kompjant Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali:

> ***"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence."***

Illi:

***..... "as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting.[3]"*** **(sottolinjar tal-Qorti).**

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ġja magħmula, jirriżulta illi bejn Portelli u l-appellanti fil-fatt kien jeżisti dan il-ftehim pre-ordinat bil-ħsieb magħmul li titwettaq is-serqa mis-*safe* proprejta' tal-parti leża, tant illi anke sar ftehim dwar il-*modus operandi,* bl-appellanti saħansitra torganizza ikla sabiex tbiegħed lil vittma mil-lok tad-delitt. Mhux biss iżda kien hemm ftehim ukoll, u dan skont kif jirriżulta mix-xiehda ta' Carmel Hartley, illi l-appellanti kellha tiġi kkumpensata għal dan l-involviment tagħha. Għalhekk, anke dan it-tieni aggravju mressaq mill-appellanti Taliana ma jistħoqqlux akkoljiment.

## C. It-Tielet u l-Aħħar Aggravju ta' Lucia Taliana

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Lucia Taliana, u ċioe dik ta' 18-il xahar priġunerija sospizi għal tlett snin, fejn l-appellanti tilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena imposta fuq l-appellanti kienet taqa' fil-parametri tal-liġi, hija waħda alternattiva għal priġunerija effettiva u kwindi hija legalment u raġonevolment valida u ċertament mhux eċċessiva. Fuq kollox fit-termini tal-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali il-kompliċi jeħel l-istess

[3] "The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden"

piena bħal dik tal-awtur tar-reat, li kif ingħad iktar 'il fuq hija dik tal-priġunerija ta' bejn tlettax-il xahar u seba' snin liema piena għandha tiżdied bi grad sabiex b'hekk il-piena erogata fil-konfront tal-appellanti Taliana hija waħda fil-minimu tagħha u *di piu'* sospiża għal tlett snin fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassal lil Qorti tvarja l-istess u għalhekk anke dan l-aħħar aggravju qed jkun respint.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ż-żewġ appelli nterposti mill-appellanti Matthew Portelli u Lucia Taliana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**